MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2015

Numru 229/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs.**

**Aden Roble Shuaib**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Aden Roble Shuaib,** ta' dsatax (19) il-sena, nazzjonalita' Somala, iben Aden u Faduma, imwieled Mogadishu, Somalja fl-1 ta' Jannar 1996, residenti fic-Centru Miftuh ta' Hal-Far u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 9000991(A) u Numru tal-Pulizija 14A-055 akkuzat talli fis-27 ta' Dicembru 2014 u fix-xhur ta' qabel:

1. bħala persuna illi mbarka jew żbarka, minn jew ġo Malta naqas illi jagħti lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jeħtieġ, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 9).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 7).

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jinfurmaw lill-Qorti li l-Qorti ghandha tikkunsidra li taghti sentenza ta' prigunerija sospiza fil-konfront tal-imputat ghar-reat addebitat lilu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza rigward dik li fil-fehma taghhom ghandha tkun il-piena idonea li ghandha tinghata fil-konfront tal-imputat u l-fedina penali (Dok. "DB 2" – *a fol.* 10) tieghu (li hija wahda kompletament nadifa).

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Aden Roble Shuaib hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Aden Roble Shuaib fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------